# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 854/10/2 AE**

**Ambrose Mackay, Jessica Eddelston Mackay u Doris Mackay**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550)**

## PRELIMINARI:

1. L-atturi huma eredi ta' Jesmond Mackay li miet fit-28 ta' Awwissu 2008. Ftit xhur qabel ma miet huwa kien ħa self mill-*Bank of Valletta* fl-ammont ta' Lm83,000 (€193,337.99). Sabiex seta' jingħata tali self huwa kien ottjena "*life policy*" mingħand is-soċjeta` konvenuta biex f'każ li jiġi nieqes hija tħallas lill-bank il-bilanċ kollu dovut minnu. Meta miet hija

pero` irrifjutat li tħallas lill-bank l-ammont dovut.

2. Għalhekk fis-26 ta' Awwissu 2010 l-eredi ta' Jesmond Mackay intavolaw din il-kawża kontra s-soċjeta` konvenuta sabiex tiġi kkundannata tonora l-polza ta' assikurazzjoni u wkoll biex tħallashom tad-danni konsistenti f'imgħax li kien qed jiddekorri fuq is-self. Is-soċjeta` konvenuta fit-tielet eċċezzjoni tagħha invokat in-nullita` tal-polza billi Jesmond Mackay ma ddikjarax u/jew ħeba fatti materjali u sostanzjali u/jew irrappreżenta fatt li kienu foloz fil-*proposal form.*

3. Fit-18 ta' Mejju 2016 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet din it-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u ċaħdet it-talbiet attriċi.

4. L-atturi ħassewhom aggravati minn tali sentenza u għalhekk fit-8 ta' Ġunju 2016 interponew appell minnha quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u tilqa' l-appell tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta appellata.

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-26 ta' Awwissu 2010, l-atturi ppremettew u talbu:-
>
> 1. *Illi l-atturi huma l-eredi ta' Jesmond Mackay, illi miet fl-eta' ta' hamsa*

*u erbghin (45) sena, u cioe' fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt immarkat bhala 'Dok. A';*

2. *Illi l-istess Jesmond Mackay kien inghata self minghand is-socjeta' 'Bank of Valletta plc', liema self kien jammonta ghas-somma komplessiva ta' tlieta u tmenin elf tal-Lira Maltija antika (Lm83,000) ekwivalenti ghal mija u tlieta u disghin elf, tlett mija u seba' u tletin lira u disa' u disghin centezmu (€193,337.99);*

3. *Illi dan is-self kien jikkonsisti f' 'overdraft account' li kien jammonta ghas-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,293.73), 'loan account' li kien jammonta ghas-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm15,000 ekwivalenti ghal €34,940.60) u 'loan account' ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000 ekwivalenti ghal €93,174.93) (Ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. B');*

4. *Illi biex inghata dan is-self, il-Bank of Valletta p.l.c ta struzzjonijiet lil Jesmond Mackay sabiex jottjeni polza ta' assigurazzjoni ossija 'life policy' u dan sabiex din il-polza taghmel tajjeb fost l-ohrajn f'kaz li huwa jigi nieqes;*

5. *Illi Jesmond Mackay kien talab u nhargitlu polza ta' assigurazzjoni mis-socjeta' konvenuta 'Citadel Insurance p.l.c.', nhar is-6 ta' Frar, 2008, liema polza ghandha r-referenza 'DT65000211' u liema certifikat tal-polza ta' assigurazzjoni qed jigi esebit u mmarkat bhala 'Dok.C';*

6. *Illi din il-polza kienet tassigura fost l-ohrajn illi f'kaz li Jesmond Mackay jigi nieqes, is-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank of Valletta plc il-bilanc kollu dovut mill-imsemmi Mackay;*

7. *Illi s-socjeta' konvenuta, issa li Jesmond Mackay gie nieqes, qed tirrifjuta li thallas il-bilanc dovut lil Bank of Valletta plc ghas-self li kien sar lill-istess Jesmond Mackay;*

8. *Illi s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont dovut, billi qed issostni li Jesmond Mackay kellu mard jew kundizzjoni jew kundizzjonijiet ta' sahha li naqas li jinfurmaha bihom meta talab li jinhargulu l-polza in dizamina;*

9. *Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma lkoll inveritiera, anzi Jesmond Mackay kien b'sahhtu fiz-zmien meta nhargitlu l-polza tal-assikurazzjoni msemmija, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;*

10. *Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali tas-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), is-socjeta' konvenuta baqghet tirrifjuta li thallas il-bilanc dovut lill-Bank of Valletta plc (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.D';*

11. *Illi minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tonora l-polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja in dizamina, l-atturi qed isofru danni konsistenti f'imghax li qieghed u ser jibqa jiddekorri fuq l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc;*

12. *Illi l-atturi jafu personalment b'dawn il-fatti kollha;*

Għaldaqstant, l-atturi talbu lill-qorti sabiex:-

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ossija life policy mahruga mis-socjeta' konvenuta, datata s-6 ta' Frar, 2008 bin-numru 'DT65000211', fuq il-hajja ta' Jesmond Mackay hija assolutament valida ai fini u l-effetti kollha tal-Ligi;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi Jesmond Mackay kien kopert permezz tal-polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja in dizamina;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta bhala socjeta' assikurattiva ghandha l-obbligu tonora l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja in dizamina, inkluz li thallas lil Bank of Valletta plc is-somma dovuta minn Jesmond Mackay ghas-self hekk kif kopert mill-imsemmija polza ta' assikurazzjoni;*

4. *Tillikwida l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc okkorendo bin-nomina ta' perit nominandi;*

5. *Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank of Valletta plc l-ammont hekk likwidat in forza tal-polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja in dizamina;*

6. *Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsistenti f'imghax li qieghed u ser jibqa jiddekorri fuq l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc;*

7. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi;*

8. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati fis-seba' talba;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba prezentata fit-14 ta' Ottubru 2010, il-konvenut wiegeb:-

1. *Illi preliminarjament, in kwantu l-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni nghatat b'rahan favur il-Bank of Valletta p.l.c. bhala kreditur tal-atturi relattivament ghas-self li sar mill-imsemmi bank favur il-mejjet Jesmond Mackay, u in kwantu l-istess bank bhala kreditur li favur il-mejjet Jesmond Mackay, u in kwantu l-istess bank bhala kreditur li favur tieghu nghata rahan igawdi d-dritt li jezercita kull ghazla ta' min jaghti r-rahan taht il-polza u dana a tenur tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 1712M tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u ad eskluzjoni ta' min jaghti r-rahan, l-atturi, bhala l-eredi ta' min ta r-rahan in kwistjoni, ma kellhomx interess guridiku jippromwovu l-kawza odjerna;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk jirrizulta illi l-atturi kellhom interess guridiku jippromwovu l-kawza odjerna, it-talbiet taghhom huma legalment insostenibbli stante illi qeghdin isiru a beneficcju ta' terza persuna li m'hijiex parti fil-kawza;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hu dovut ebda ammont lill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni billi l-istess polza ta' assikurazzjoni hija nulla u bla effett billi l-mejjet Jesmond Mackay ma ddikjarax u/jew heba fatti materjali u sostanzjali u/jew irrappresenta fatti li kienu foloz fil-'proposal form' u fil-perjodu ta' qabel ma giet fis-sehh il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni;*

4. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mejjet Jesmond Mackay kiser wahda mill-principji fondamentali fil-kamp tal-assikurazzjoni, dak tal-'uberrimae fidei' u b'hekk is-socjeta' intimata m'hijiex tenuta taghmel pagament;*

Fl-1 ta' Lulju 2011 inghatat sentenza preliminari li biha gew michuda l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni. Il-konvenuta appellat, u b'sentenza tat-28 ta' Settembru 2012 l-appell gie michud.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti kollha.

**Kwistjoni.**

L-atturi huma werrieta ta' Jesmond Mckay li miet fis-26 ta' Awissu 2008. Jirrizulta li d-decujus kien ha self minghand Bank of Valletta li kien gie garantit b'polza ta' assikurazzjoni fuq hajtu. Il-konvenuta qeghda tirrifjuta li tonora l-polza ghaliex issostni li fiz-zmien li nharget Jesmond Mckay kien naqas milli jgharraf lill-kumpannija konvenuta li kien marid.

**Konsiderazzjoni.**

1. Jirrizulta li:-

i. Fit-3 ta' Jannar 2008 Dr George Grech, tabib tal-familja, kien irrefera lil Jesmond McKay l-isptar minhabba *'abdominal pains'*. It-tabib issuspetta li l-pazjent kellu *Gall Bladder disease* u ppreskrivilu wkoll antibiotics. Il-pazjent kien qieghed jilmenta minn ugiegh ta' zaqq kbir[1] . Din kienet l-ewwel darba li Dr Grech ikkura lil Jesmond McKay. Fit-*Ticket of Referal* jinghad li l-pazjent ghandu '*right subcostal pain'*.

ii. Fil-11 ta' Jannar 2008 Jesmond McKay applika, tramite Allcare Insurance Brokers Limited, sabiex il-konvenuta tohroglu polza ta' assikurazzjoni fuq hajtu.

iii. Fit-18 ta' Jannar 2008 Citadel Insurance plc irceviet l-applikazzjoni.

iv. Fil-25 ta' Jannar 2008 Jesmond McKay gie ezaminat l-isptar. It-tabib li ezaminah ordna li jsirlu *ultrasound of the abdomen*, x-ray tas-sider, *blood count* u *carcinoembryonic antigen*.

v. Fid-29 ta' Jannar 2008 kien ezaminat minn Dr Rosette Micallef li ghamlet rapport (fol. 59). Dr Micallef kienet inkarigata mis-socjeta konvenuta.

vi. Fis-6 ta Frar 2008 giet iffirmata l-polza u saret effettiva mit-12 ta' Jannar 2008 (fol. 18).

vii. Fl-24 ta' Marzu 2008 Jesmond McKay mar fil-klinika privata St. Anne's Clinic fejn saritlu *ultrasound of the abdomen*. Il-konsulent radjologa kkonkludiet: "*Findings are suggestive of hepatic metastases. Otherwise normal abdominal ultrasound*." (fol. 511). Rapport li nghata lill-pazjent dakinhar li gie ezaminat (ara deposizzjoni ta' Isabelle Vella, clinic manager ta' St. Anne's Clinic).

viii. Jesmond McKay miet fis-26 ta' Awissu 2008, b'kancer tal-colon.

2. Hu evidenti li d-difiza tal-konvenuta hi bazata fuq il-principju ta' *uberrimae fidae.* Fis-sentenza **Paul Grech et vs Middlesea Insurance** plc et tat-28 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"….. din il-Qorti tibda biex tosserva illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt uberminae fidei li huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assigurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha*

[1] Ara deposizzjoni ta' Dr George Grech (fol. 214).

*materjali u rilevanti ghall-kaz.*

*Hekk, fil-kawza Rozanes v. Bowen, 1928, il-Qorti Ingliza osservat "It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith". Fil-kawza Greenhill v. Federal Insurance Co Ltd, 1927, rega' ntqal "Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entired with an equal footing." Dan il-principju gie enfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar.*

*Dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza Camilleri noe v. Bartolo, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 1982, polza ta' assigurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assigurat ma kienx informa lill-kumpanija assigurattrici li kien ghamel claims ohra qabel ma avvicina l-assigurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala "fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju."*

*Fil-kawza Degiorgio v. Agius, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li "il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi". Principju simili gie ribadit dan l-ahhar mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Muscat v. Gasan Insurance Agency Limited deciza fit-2 ta' Marzu, 1998."*

3. M'hemmx prova li qabel l-*ultrasound* li sar fl-24 ta' Marzu 2008, kien hemm xi suspett li Jesmond McKay kellu kancer. Dr George Grech stess xehed: "*Meta rajt lil Jesmond l-ewwel darba, ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni li l-pazjent ghandu xi mard serju. Assolutament xejn.*" (fol. 214). Zied: "*Meta ezaminajt lil Jesmond l-ewwel darba fl-ebda hin ma gieni suspett lli dan ghandu cancer jew li hua marid serjament.*" (fol. 215). Madankollu jirrizulta li meta Jesmond Mckay:

i. Mela l-proposal form[2], ghad-domanda:-

(a) "*b) are you currently receiving any medical treatment, taking pills or drugs, prescribed or otherwise ?",* wiegeb **le** meta granet qabel kien gie ezaminat minn Dr Grech u nghata antibiotics (Zinnat).

(b) "*What is the date and the reason for your last visit to a doctor for any reason whatsoever*?", wiegeb: "*Normal Influenza"* u gie ddikjarat li l-perjodu kien Dicembru 2007. Fatt li zgur ma kienx minnu gialadarba l-*proposal form* saret fil-11 ta' Jannar 2008, u rrizulta li fit-3 ta' Jannar 2008 kien gie ezaminat minn Dr George Grech minhabba *right subcostal pain* u sahansitra nghata *antibiotic* u *ticket of referral* ghall-isptar biex isirulu testijiet peress li Dr Grech kien qieghed jissuspetta li ghandu mard tal-marrara.

ii. Meta mbaghad fis-27 ta' Jannar 2008 gie ezaminat minn Dr Rosette Micallef fuq talba tas-socjeta konvenuta qabel il-hrug tal-polza, ghad-domanda:-

(a) "*2. Have you ever suffered from or or had symptoms of any of the following …. d) Chronic or persistent indigestion, ulcer, colitis or other disease of the abdominal organs and liver ?",* wiegeb le.

(b) "*Which physician did you last consult and for what reason ? Please give full details including date treatment and result,"* wiegeb: Dr Jean Pierre Farrugia u *Common Cold Winter 2006-2007*. Din id-darba wkoll ta taghrif skorrett. Fil-fatt Dr George Grech ma jissemma mkien u lanqas ma semma xi gralu fit-3 ta' Jannar 2008.

(c) "*5. Have you ever had any of the following ? ….. c) Investigation or consultation in nursing home, hospital, clinic or with a consultant privately ?"* (fol. 60), wiegeb le. Fil-fehma tal-qorti, Jesmond McKay kellu obbligu li jgharraf lil Dr Micallef li jumejn qabel kien gie ezaminat fit-taqsima Surgical Out Patient tal-isptar u t-tabib li rah ordna li jsirulu testijiet, fosthom *ultrasound* taz-zaqq. Hu b'dawn it-tip ta' fatti li l-assiguratur jitqieghed fil-posizzjoni li jiddeciedi dwar it-talba tal-klijent biex tinhareg polza ta' assikurazzjoni.

[2] Jirrizulta li d-decujus kien inqeda bis-servizz ta' Allcare Insurance Brokers Ltd, li bhala broker kienet agent tieghu (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1997 fil-kawza **Azzopardi vs Muscat).**

4. M'hemmx dubju li Jesmond McKay kellu obbligu li fil-*proposal form* jwiegeb korrettement ghad-domandi kollha li sarulu. L-istess kellu jaghmel ghad-domandi li sarulu mit-tabiba nkarigata mill-konvenuta u li ezaminatu u staqsietu domandi qabel inharget il-polza ta' assikurazzjoni.

5. Hi *material fact* li *f'life policy* l-kumpannija assiguratrici tigi nfurmata meta kienet l-ahhar darba li l-klijent ikun ra tabib u ghal x'hiex. Hu fatt li s-suspett li kellu Dr Grech dwar mard tal-marrara ma jidhirx li kellu x'jaqsam ma' kancer tal-colon. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li dak it-taghrif ma kienx *material fact*, iktar u iktar meta tqies li kien hemm domandi specifici li McKay ma wegibx korrettement, u l-polza kienet intiza sabiex isservi bhala garanzija ghal self li l-klijent kien ha mill-Bank of Valletta plc f'ammont ta' €193,337. Ghall-qorti kien ukoll fatt materjali li ftit granet qabel mela l-proposal form, il-klijent kellu "*ugiegh ta' zaqq kbir*"[3] u t-tabib hass il-bzonn li jirreferih l-isptar ghal suspett ta' *gall bladder disease*. Dan irrispettivament ta' x'irrizulta wara. Sahansitra, jumejn qabel l-ezami mediku li sar mit-tabiba nkarigata mill-konvenuta, il-klijent mar l-isptar fejn gew ordnati testijiet fosthom *ultrasound* tal-*abdomen*. Mir-rapport li ghamlet Dr Rosette Micallef, m'hemm l-ebda taghrif dwar dawn 'il fatti. Il-probabilita' hi li Jesmond McKay ma tax dak it-taghrif lit-tabiba. Taghrif li zgur kien fatt materjali iktar u iktar meta kienu ser isirulu testijiet. Il-klijent kellu obbligu li jaghti dak it-taghrif lill-konvenuta u li bih kien ikollha 'l fatti kollha qabel tiehu d-decizjoni jekk kellhiex tohrog polza ta' assikurazzjoni jew li tistenna l-ezitu tat-testijiet jew sahansitra titlob lill-klijent biex jaghmel testijiet ohra. Gialadarba l-klijent ghazel li jzomm mistur fatti li kellu d-dmir ighidhom lill-konvenuta, gie li mar kontra l-principju ta' *uberrimae fidei.* Il-qorti tfakkar li:

"Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjetà assikuratrici tista' ssir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrimae fidei hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni." (Qorti tal-Appell, **Sammut vs Middlesea Insurance plc** 14 ta' Mejju 2004).

Hekk ukoll fis-sentenza **Paul Grech et vs Middlesea Insurance plc et**, il-Qorti tal-Appell osservat:-

***"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta negattiva li ta l-assigurat ghandha l-karattru ta' 'misrepresentation of a material fact' li ghandha twassal ghall-invalidita` tal-kuntratt*** *(ara wkoll Parnis v. Fava, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2001).*

[3] Kif xehed Dr George Grech (fol. 214).

*Ta' min josserva li, kif qalet il-Qorti Ingliza fil-kawza Arterial Carowners Ltd v. Yorkshire Insurance Co fl-1973 (per Chapman J), "the primary obligation was one of disclosure on the part of the insured, not of enquiry on the insurer". Huwa ovvju li l-agir tal-assigurat f'dan il-kaz jekwivali ghall-ingann u, per konsegwenza, induca lill-assiguratur fi zball li anke taht principji tradizzjonali, jivvizzjaw il-kunsens, li jaghti lok ghall-annullament tal-kuntratt (ara Zammit v.Formosa deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju 1994)." (enfazi mizjuda).*

6. Mehud in konsiderazzjoni dan l-insenjament u l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq b'riferenza ghall-provi, il-qorti tikkonkludi bla ezitazzjoni li l-konvenuta ghandha dritt ma tonorax il-claim a bazi ta' dak li ddikjarat fit-tielet eccezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tielet eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**"

## Rikors tal-appell tal-atturi (08.06.2016):

6. L-aggravji tal-atturi huma s-segwenti:

(i) L-ewwel aggravju:

Fl-ewwel lok, wara li jagħmlu riferenza għal ġurisprudenza varja jenfasizzaw li biex assikuratur jannulla kuntratt ta' assikurazzjoni fuq ħabi ta' fatt, iridu jirriżultaw żewġ elementi important: u cioe`

(a) il-ħabi ta' fatt materjali u

(b) l-element ta' *inducement.*

Jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat il-kuntratt ta'

assikurazzjoni in kwistjoni bħala null abbażi tal-allegat ħabi ta' fatt materjali, u waqfet hemm mingħajr ma indagat ukoll jekk tali ħabi induċiex lis-soċjeta` assikuratriċi biex taċċetta r-riskju.

(ii) It-tieni aggravju:

Dan l-aggravju jirrigwarda l-ispejjeż. L-ewwel Qorti fis-sentenza tat-18 ta' Mejju 2016 ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi.

Huma jfakkru li permezz ta' sentenza preliminari mogħtija fl-1 ta' Lulju 2011, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u ordnat li tali spejjeż jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta. Tali sentenza ġiet ukoll ikkonfermata fl-appell fit-28 ta' Settembru 2012 fejn is-soċjeta` konvenuta ġiet ordnata tħallas l-ispejjeż marbuta mal-istess episodju.

L-atturi appellant jħossu li mhux ġust li jsofru l-ispejjeż ta' eċċezzjonijiet preliminari li ma rnexxewx u li wasslu biss biex jiġu delungati dawn il-proċeduri.

**Risposta tal-appell tas-soċjeta` konvenuta (04.06.2018):**

7. Is-soċjeta` konvenuta wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**L-ewwel aggravju:**

*L-element tal-ħabi ta' fatt materjali u l-element ta' "inducement"*

8. Jibda biex jingħad li l-atturi appellanti jaqblu mar-riassunt tal-provi kif espost mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Dak li qegħdin jikkontestaw huwa n-nullita` tal-polza ta' assikurazzjoni.

9. Huma jirrikonoxxu li huwa ritenut li minħabba l-inċertezza insita f' kuntratt ta' assikurazzjoni huwa meħtieġ grad għoli ta' *bona fede* da parti ta' dak li jkun qed jitlob il-ħruġ tal-polza. F'dan ir-rigward jikkwotaw mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju 2004 fil-kawża fl-ismijiet "**Salvatore Sammut v. Middlesea Insurance plc**", li fil-fatt ikkwotat minnha anke l-ewwel Qorti.

10. Jgħidu pero` li d-difiża tal-*uberrimæ fidei* qegħda sikwit tintuża minn soċjetajiet ta' assikurazzjoni biex jaħarbu mill-obbligi kuntrattwali

tagħhom. Fil-fatt jirreferu għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mario Mizzi *nomine* v. Mario Grech *nomine*** fejn kienet saret riferenza għall-ktieb "*The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law*" ta' Semin Park (Ed. 1996, p.68) fejn intqal li l-espressjoni *uberrimæ fidei* "*has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims"*. F'dan il-kuntest jilmentaw li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament approfondit taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u ta' dak li dehrilha li huma l-fatti. Ifakkru li deċiżjoni biex jiġi annullat kuntratt m'għandhiex tkun waħda leġġera iżda għandha tkun ikkonfortata mill-fatti, mil-liġi u minn dak li għandu mis-sewwa.

11. Jagħmlu wkoll riferenza għall-ġurisprudenza Ingliża fejn huwa enfasizzat li biex kuntratt ta' assikurazzjoni jitqies bħala null irid jirriżulta mhux biss li **ma ġiex żvelat fatt materjali** da parti ta' min talab il-ħruġ tal-polza, iżda li tali ħabi irid ikun tali li jkun **induċa lill-assikuratur li jaċċetta r-riskju**. Jargumentaw illi l-ewwel Qorti kellha l-obbligu li wara li teżamina jekk il-fatt mhux żvelat kienx jikkostitwixxi fatt materjali li jista' jwassal għan-nullita` tal-polza, tistħarreġ jekk tali fatt effettivament induċiex lis-soċjeta` konvenuta biex taċċetta r-riskju.

12. L-ewwel Qorti osservat li Jesmond Mackay naqas li jwieġeb korrettament għad-domandi kollha li sarulu: kemm fil-*proposal form* u kif

<u>ukoll da parti tat-tabiba tas-soċjeta` konvenuta</u>. Din il-Qorti jidhrilha li huwa importanti li tiġi enfasizzata s-segwenti kronoloġija:

03.01.2008 Jesmond Mackay mar għand it-tabib tal-familja Dr George Grech minħabba "***uġiegħ ta' żaqq kbir***"*.* It-tabib issuspetta li kellu xi mard fil-marrara u tah antibiotiċi. Għalkemm ma ssuspettax li kellu kanċer jew xi ħaġa serja, għamillu karta ta' *referral* għall-isptar.

11.01.2008 Jesmond Mackay mar japplika għal *life policy* mas-soċjeta` konvenuta tramite l-broker tiegħu. Fost id-domandi fuq il-**proposal form** ġie mistoqsi meta kienet l-aħħar darba li ra tabib u għaliex. <u>Huwa ma semma xejn dwar l-episodju li ġara il-ġimgħa ta' qabel fejn addirittura ġie riferut l-isptar minħabba l-uġigħ abdominali</u>. Minflok qal li l-aħħar li ra tabib kien f'Diċembru 2007 minħabba *"normal influenza".*

25.01.2008 Jesmond Mackay mar għall-appuntament l-isptar. It-tabib li rah ordna li jsirlu *ultrasound* abdominali, x-ray ta' sidru, test tad-demm, u

*carcinoembryonic antigen.*

27.01.2008 Jesmond Mackay ġie **eżaminat mit-tabiba Dr Rosette Micallef,** inkarigata mis-soċjeta` konvenuta. Hawnhekk ukoll huwa ma semma' xejn dwar l-investigazzjoni li kienet qegħda ssirlu. Għad-domanda dwar jekk kinitx saritlu xi investigazzjoni jew konsultazzjoni fi sptar/klinika jew ma' konsulent privat, wieġeb fin-negattiv: dan minkejja li jumejn biss qabel kien mar l-isptar fejn ġie riferut għal diversi testijiet. Għad-domanda dwar jekk qattx sofra/kellu sintomi ta' *colitis*[4] jew xi mard abdominali, jew tal-fwied, wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi meta kienet l-aħħar darba li ra tabib qal li kien fix-xitwa ta' 2006-2007 fejn qal li kien rah it-tabib Dr Jean Pierre Farrugia minħabba "*common cold*".

06.02.2008 Ġiet iffirmata l-*life policy*, effettiva mit-12.01.2008 (cioe` l-għada li kien mar japplika għaliha).

---

[4] Infjammazzjoni tal-musrana l-kbira

| | |
|---|---|
| 24.03.2008 | Jesmond Mackay mar St Anne's Clinic fejn għamel *ultrasound* abdominali. Huwa ingħata r-rapport dakinhar, fejn ir-radjologa ikkonkludiet li *"**Findings are suggestive of hepatic metastases.**[5] Otherwise normal abdominal ultrasound."* |
| 26.08.2008 | Jesmond Mackay miet b'kanċer tal-musrana l-kbira (*colon).* |

13. Minn dan il-kwadru kronoloġiku, qajla jista' jingħad li Jesmond Mackay kien qed jaġixxi b'"*uberrimæ fidei*" meta għażel li ma jgħid xejn dwar l-uġiegħ u l-investigazzjoni li kienet qegħda ssirlu fir-rigward. Fil-fatt huwa mhux sempliċiment ma għaddilhiex tali informazzjoni, iżda addirittura <u>mistoqsi domandi speċifiċi</u> li fir-rigward tagħhom kien obbligat jiżvela l-uġiegħ f'zaqqu u l-investigazzjoni relattiva, huwa deliberatament wieġeb fin-negattiv flok ma wieġeb fil-pożittiv. Huwa wkoll għażel li jgħid LE fejn kellu jgħid IVA. Fi kliem ieħor, huwa ma qalx il-verita`.

14. Huwa bil-wisq evidenti li dan il-ħabi da parti tiegħu sar proprju għaliex kien jaf ben tajjeb li jekk jgħid il-verita` probabbilment is-soċjeta`

[5] Dan ifisser li tumuri tal-kanċer ikunu infirxu fil-fwied minn xi parti oħra tal-ġisem.

assikuratriċi ma kinitx ser toħroġlu l-polza qabel ma tara l-eżitu tat-testijiet li kien appik li jagħmel u qabel ma tkun konvinta li ma kellux mard terminali, jew mard serju li jista' jwassal biex ma taċċettax li tkoprih.

15. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, senjatament fejn qalet:

> *"Il-klijent kellu obbligu li jagħti dak it-tagħrif lill-konvenuta u li bih kien ikollha l-fatti kollha qabel tieħu deċiżjoni jekk kellhiex toħroġ polza ta' assikurazzjoni jew li tistenna l-eżitu tat-testijiet jew saħansitra titlob lill-klijent biex jagħmel testijiet oħra. Ġialadarba l-klijent għażel li jżomm fatt mistur li kellu d-dmir jgħidhom lill-konvenuta ġie li mar kontra l-prinċipju tal-uberrimæ fidei."*

16. Wieħed irid japprezza li soċjeta` assikuratriċi ssaqsi tant domandi pertinenti mhux għall-gost, iżda sabiex tiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq il-klijent qabel ma tiddeċiedi jekk toħroġlux polza fuq ħajtu jew le. Tweġibiet li jistgħu jkunu indikattivi ta' xi mard terminali, jew mard serju li jista' jwassal għal mewt, zgur jixegħlu bozza ħamra għas-soċjeta` assikuratriċi. Fil-każ odjern il-*life policy* kienet intiża biex isservi ta' garanzija għal self bankarju fl-ammont ta' xejn inqas minn €193.337, u għalhekk is-soċjeta` assikuratriċi ċertament li ma kinitx ser taqbad u tpoġġi lilha nfisha f'pożizzjoni tant riskjuża kieku kienet taf li l-klijent kien għadu kemm ġie riferut għal investigazzjoni medika li setgħet tiżvela mard terminali jew mard serju li jista' saħansitra jwassal għal mewt.

17. Bil-mod li għażel li jirrispondi Jesmond Mackay huwa konxjentement u deliberatament inganna lis-soċjeta` konvenuta u taha

x'tifhem li m'għandu assolutament l-ebda problema ta' saħħa, u li ma kienx hemm l-iċken suspett li seta' kellu xi ħaġa, u għalhekk meta ikkonsentiet li toħroġlu l-polza fuq ħajtu l-kunsens tagħha kien vizzjat. Hi l-fehma tal-Qorti li dan jikkostitwixxi "*inducement".*

18. Rilevanti ħafna f'dan ir-rigward fil-fatt hija r-riferenza li l-ewwel Qorti għamlet għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju 2014 fil-kawża fl-ismijiet **Paul Grech et v. Middlesea Insurance plc et** fejn hemm anke referenza għall-element ta' "*inducement"* li jisħqu tant fuqu l-atturi appellanti (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta negattiva li ta l-assigurat ghandha l-karattru ta' 'misrepresentation of a material fact' li ghandha twassal ghall-invalidita` tal-kuntratt (ara wkoll Parnis v. Fava, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2001). Ta' min josserva li, kif qalet il-Qorti Ingliza fil-kawza Arterial Carowners Ltd v. Yorkshire Insurance Co fl-1973 (per Chapman J), "the primary obligation was one of disclosure on the part of the insured, not of enquiry on the insurer". **Huwa ovvju li l-agir tal-assigurat f'dan il-kaz jekwivali ghall-ingann u, per konsegwenza, induca lill-assiguratur fi zball li anke taht principji tradizzjonali, jivvizzjaw il-kunsens, li jaghti lok ghall-annullament tal-kuntratt** (ara Zammit v. Formosa deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju 1994).*

**It-tieni aggravju:**

*L-ispejjeż relatati mas-sentenza preliminari dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta*

19. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi appellanti jirreferu għall-aħħar parti tas-sentenza appellata, senjatament fejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-

talbiet tagħhom *"bl-ispejjeż kontra tagħhom".*

20. Ifakkru li permezz tas-sentenza preliminari tal-1 ta' Lulju 2011 l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta kienu ġew miċħuda bl-ispejjeż ta' tali episodju kontra s-soċjeta` konvenuta, u li tali deċiżjoni kienet ġiet anke kkonfermata fl-appell fit-28 ta' Settembru 2012, fejn kien ukoll ġie ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta. Huma f'dan it-tieni aggravju jilmentaw li mhux allura ġust li jsofru l-ispejjeż ta' tali episodju huma.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa superfluwu għall-aħħar. Anke jekk l-ewwel Qorti ma għamlitx riferenza għall-ispejjeż rigwardanti l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, ma kellu jkun hemm l-ebda dubju li meta ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu mill-atturi, tali spejjeż ma jinkludux ukoll l-ispejjeż marbutin mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, li d-deċiżjoni dwarhom (inkluż l-ispejjeż) illum tifforma *res judicata.*

**DECIDE**

22. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

23. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandu jitħallas mill-istess atturi

appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr